**13 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Filetti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**Onor. Franco Depasquale LL.D.**

Ivan Burridge *et noe*

*versus*

Alfred Pisani *noe*

**Funzjoni ta' Soċjetajiet – Ritrattazzjoni**

*Ġew proposti żewġ Petizzjonijiet għar-ritrattazzjoni ta' żewġ kawżi.*

*Sentenza fejn ġiet miċħuda eċċezzjoni ta' nuqqas ta' "locus standi in judicio" mqajma minħabba l-funzjoni ta' soċjetajiet.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Din il-Qorti għandha quddiemha żewġ petizzjonijiet ta' l-atturi, għar-ritrazzjoni tal-kawża wara d-deċiżjoni ta' din il-Qorti

tat-30 ta' Novembru, 1988. L-ewwel petizzjoni ġiet ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1989, waqt li t-tieni waħda fil-11 ta' Awissu, 1989;

L-ewwel risposta kontra l-ewwel petizzjoni saret fis-7 ta' Marzu, 1989, waqt li kontra t-tieni, ir-risposta saret fl-4 ta' Settembru, 1989. F'din, il-konvenut eċċepixxa illi:

"... il-petizzjoni preżenti hi rrita u nulla minħabba nuqqas ta' kwalsiasi kapaċità ġuridika fil-petizzjonanti biex jippreżentawha. Qabel ma l-petizzjonanti jibdew biex jikkwerelaw il-kapaċità ġudizzjarja ta' l-esponenti, jeħtieġ l-ewwelnett li tiġi aċċertata l-kapaċità tagħhom stess;

Ovvjament din il-petizzjoni ma ġietx u ma setgħetx tiġi ppreżentata f'isem *Marsascala Development* għax dik is-soċjetà ġiet maħruġa mill-kawża. Dan ma ġarax bħala effett ta' jew bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, iżda ġrat b'att volontarju (anki jekk, tort tagħhom, żbaljat) tad-diretturi tagħha Burridge u Barbara. Fis-sottomissjoni ta' l-esponenti m'hemm ebda mezz magħruf mil-liġi li bih dik is-soċjetà tista' terġa' tidħol fil-kawża";

Din is-sentenza hija mmirata biex tikkunsidra din l-eċċezzjoni. L-eċċezzjoni ma kinitx ingħatat fir-risposta għall-ewwel petizzjoni ta' ritrattazzjoni, però naturalment, dak li hawn f'din is-sentenza japplika, għaliex, għar-rigward ta' din il-partikolari materja, il-posizzjoni hija identika;

Il-petizzjonijiet ta' ritrattazzjoni huma ppreżentati, it-tnejn, mill-"atturi *nomine*" jiġifieri mill-istess "atturi" fiżiċi li jirrappreżentaw is-soċjetà *Santumas Shareholdings Ltd.* – li hija l-kumpanija attriċi. Għalhekk ikun aktar preċiż jekk jingħad "l-*attriċi*" *milli* l-"*atturi*" *għaliex l-azzjoni hija ta'* ***persuna idejali***

(jew legali, jew ġuridika, skond kif wieħed jippreferi) **waħda.** Din l-istess attriċi petizzjonanti, hija dik li kienet l-attriċi fil-kawża li tagħha issa qed titlob ir-ritrattazzjoni. Għalhekk in-neċessità ta' identità fil-persuna li titlob ir-ritrattazzjoni u dik li kienet parti fil-kawża *"da ritrattare"* hija sodisfatta;

Dak li għadu kif intqal, huwa konċess mill-eċċipjenti kumpanija konvenuta, però hija tissottometti li fil-każ preżenti dan ma japplikax għaliex dan m'huwiex każ normali, inkwantu l-persuna li oriġinarjament ippromwoviet il-kawża kienet *Marsascala Development Limited* u din ġiet maħruġa mill-kawża mhux b'effett tas-sentenza li tterminat il-kawża li qed tiġi impunjata, b'att volontarju ta' *Santumas Shareholdings Ltd.*, li allegat li kienet assorbiet lil *Marsascala Development Ltd.* permezz ta' amalgazzjoni jew aħjar funzjoni taż-żewġ soċjetajiet – li allura suppost saru waħda;

Issa skond avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' April, 1989, li kopja tiegħu qed tiġi annessa jingħad:

*"Pursuant to a judgement of 30th November, 1988 of the Court of Appeal notice is hereby given that the Notices appearing on page 348 of the Government Gazette of 9th February 1982, concerning the striking off of Marsascala Development Limited and Santumas Contractors Limited from the Register of Commercial Partnerships are hereby revoked";*

u għalhekk, billi issa *Marsascala Development* ġiet "ravvivata",

"Santumas *Shareholdings Ltd.* ġiet definittivament żvestita minn kwalsiasi kapaċità, anki biss apparenti, li seta' kellha li tirrappreżenta fil-kawża l-interessi li qabel kienu ta' *Marsascala*

*Development Ltd"*;

Din il-Qorti, però ma taqbilx, li din is-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta hija biżżejjed biex tikkanċella, f'dan l-istadju, is-sodisfazzjoni ta' element ta' identità tal-persuni msemmija fil-paragrafu 4 *supra*, billi dik l-identità hija l-ewwelnett ta' natura **formali** u mhux **sostanzjali**. L-aspett sostanzjali infatti jista', u anzi probabbilment, joħroġ, konsegwenzjalment, jekk u meta tiġi konċessa r-ritrattazzjoni tal-kawża, għaliex, kif hemm fl-istess avviż, il-kwistjoni fundamentali kollha taġġira fuq il-personalità o meno ta' *Marsascala Development Limited* – li ġiet effettwata serjament minn:

(a) il-"funzjoni" avvżata fid-9 ta' Frar, 1982,

(b) is-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 1988 – li tifforma parti integrali mit-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża li dik is-sentenza tterminat, u

(ċ) l-avviż ta' "xissjoni" u għalhekk "risuxxita" ta' l-14 ta' April, 1989, bħala konsegwenza ta' l-istess sentenza;

Minn dawn il-premessi għalhekk, is-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta tammonta għal *"petitio principii"*, inġenjuż imma loġikament inattendibbli;

Ma' dak li hawn taħt is-sotto paragrafu (b) għandu jiżdied il-kumment illi – apparti konsiderazzjonijiet oħra li għandhom jiġu eżaminati 'l quddiem – talba għar-ritrattazzjoni, **neċċessarjament** timplika **formalment** dak li hemm f'din il-petizzjoni, ċjoè

"li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru, 1988, fl-ismijiet premessi u tordna li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid ..."

u għalhekk ma jistax jingħad, li:

"l-petizzjonanti mhux talli m'humiex jikkontestaw il-korrettezza tas-sentenza impunjata in kwantu rriteniet il-funzjoni invalida u ineffikaċi, li hu l-qofol kollu tas-sentenza ..."

kif hemm fir-risposta tas-soċjetà konvenuta. Dan naturalment, mingħajr ebda preġudizzju jew rifless fuq il-validità o meno ta' din is-sottomissjoni inkwantu tista' tkun ibbażata jew diretta għal aspetti oħra ta' din il-vertenza li assumiet xeħta komplikatissima, u li għalhekk biex tiġi ssimplifikata u riżoluta trid tiġi, neċessarjament analizzata biċċa biċċa qabel ma tingħata s-sintesi finali, li titlob u teħtieġ;

Għalhekk l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' "*locus standi in judicio*", fis-sens spjegat, u f'dan l-istadju, ma tistax tiġi akkolta;

Spejjeż riżervati.